# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' 7 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 252/2020**

**ALBERT PULLICINO ET**
**(KI 155760M)**

***VERSUS***

**CARMEL SIVE CHARLES PULLICINO**
**(KI 123759 M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-talba ipprezentata fid-29 t'Ottubru 2020, l-atturi talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef Ewro (Eur 3,000.00) rapprezentanti hamsin fil-mija mill-valur ta' vettura li kienet ta' missierom u li inbieghet mill-konvenut. Bl-Ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficcjali 2092/2020 u bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta ipprezentata mill-konvenut fis-17 ta' Dicembru 2020 fejn fiha eccepixxa illi preliminarjament l-azzjoni kif proposta hija inamissibbli stante illi l-wirt ghadu ma giex diviz u tali pagament jifforma parti mill-wirt, illi kellhom jigu inkluzi l-eredi kollha u li l-ammont mhux dovut.

Ra d-digriet moghti fil-15 ta' Lulju 2021.

Ra d-digriet moghti fl-4 t'Awwissu 2021.

Ra d-digriet moghti fit-18 ta' Jannar 2022.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema x-xhieda.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Provi</u>

Illi qabel it-Tribunal jghaddi biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli illi ssir sintezi tal-provi migbura.

L-atturi ipprezentaw affidavit fejn Albert Pullicino spjega illi misseru Emanuel Pullicino miet fil-5 ta' Mejju 2018 u innomina lil erbgha uliedu bhala eredi universali permezz ta' testment datat 1 ta' Marzu 2006 fl-atti tan-Nutar Ian Castaldi Paris. Missieru kellu vettura Toyota Yaris fost l-assi li halla. L-attur ighid illi meta l-ahwa kienu marru biex jaghmlu d-denunzja, l-ahwa kienu ftehmu illi din il-vettura tinkiteb fuq il-konvenut a fini ta' Transport Malta. Kien gie miftiehem illi galdarba din il-vettura tinbiegh, ir-rikavat kellu jinqasam bejn kulhadd. (Fol.11)

L-attur ikompli jghid illi flimkien ma' ohtu Lourdes kienu saqsew wara ftit zmien x kien sar minnha l-vettura u l-konvenut kien infurmahom illi kien bieghha minghajr ma informa lil hadd. Ir-rikavat mill-bejgh kien inzamm kollu mill-konvenut. Finalment, l-attur jghid illi l-vettura dak iz-zmien kellha valur ta' Eur 6000 u ghaldaqstant huwa flimkien ma' ohtu huma dovuti Eur 3000 li jirraprezentaw nofs dan il-valur.

L-attrici Lourdes Zarb permezz ta' l-affidavit taghha tikkonferma ezattament dak li iddikjara huwa Albert. (Fol.12)

Fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2022, xehed Dr. Christopher Spiteri, bhala rapprezentant ta' l-Awtorita tat-Trasport Malta, fejn ipprezenta lista tas-sidien passati u attwali tal-vettura mertu tal-kaz. Fil-fatt ix-xhud ighid illi l-ewwel propjetarju kien Emanuel Pullicino u wara Carmel Pullicino li ghaddieha lil Nazzareno Camilleri u fil-prezent qieghda ghand Charlene Camilleri.

Xehed ukoll Andrea Bondin in rapprezentanza ta' Gasan Mamo Insurance Ltd. dwar l-assikurazzjoni tal-vettura HBH-338 li ikkonferma li sa Awwissu 2018 il-polza kienet fuq Emanuel Pullicino u wara sar kancellament u inqalbet fuq Carmel Pullicino li kien biegh il-vettura.

Ix-xhud ighid illi fiz-zmien illi l-vettura kienet ta' Emanuel Pullicino, din kienet assikurata ghal valur ta' Eur 5,500. Dan l-ammont huwa bbazat fuq guide book (Fol.75), "*pressappoco kemm tiswa karozza bejn wiehed u iehor. .*"

Fl-udjenza tat-23 ta' Gunju 2022, kompla jixhed Dr. Christopher Spiteri fejn ipprezenta iktar dokumenti in sostenn tat-trasferimenti li kien ga xehed fuqom fid-29 ta' Marzu 2022. Ix-xhud jispjega li meta jkun hemm wirt u diversi sidien, il-log book jista jkollu isem ta' persuna wahda biss jew isem ta' kumpannija.(Fol.98).

Matul l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2022, sar il-kontro ezami ta' l-attur Albert Pullicino li kkonferma illi huwa ghandu tlett hutu. Jikkonferma wkoll illi ghadha ma saritx divizjoni ta' l-assi illi intirtu wara l-mewt ta' missierom, hlief il-flus li kien hemm il-bank. L-attur ighid illi din il-vettura ma gietx assenjata lill-konvenut u jinnega wkoll illi mir-rikavat tal-bejgh ta' din il-vettura intefqu xi flus ghal spejjez li saru f'xi propjeta.

Fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2023, xehdet Mary Ascione, li tigi oht l-atturi u l-konvenut. Ix-xhud tghid illi kienet taf illi l-vettura kellha tinqaleb fuq il-konvenut. Ix-xhud tkomplu tghid a fol.120, "*Mela l-karozza giet mibjugha wara li konna ftehmna li kienet ha tinqaleb fuq Charles Pullicino. Jien*

*ghamilt xi xoghol id-dar wara li konna ftehmna biex nirrangaw id-dar ta' missieri biex nikruha. Ghamilt gimgha xoghol, hadt hsieb kollox jien, Hrigt l-ispejjez ovvjament, ghamilt xi xoghol, gibt in-nies jghinuna innaddaf, xtrajt washing machine, xrajt purtieri wara. .*"

Ix-xhud tghid illi hija giet imhallsa iktar minn elf Ewro ghall-ispejjez li ghamlet f'din id-dar u tali spejjez thallsu billi x-xhud tghid, "*Jien gejt imhallsa ta' l-ispejjez li ghamilt fuq xoghol tad-dar wara ftehim tal-erbgha ahwa flimkien*." Dan il-hlas sar minn Carmel Pullicino mill-flus li kienu parti mill-bejgh tal-karozza. Ix-xhud tghid illi hutha kollha kienu jafu xi spejjez kienet ser taghmel biex id-dar tigi fi stat li tkun tista tinkera. Fil-fatt ix-xhud tikkonferma illi, *". . . . la konna erbgha ahwa. Bieghejna l-karozza u mill-parti tal-karozza niehu s-sehem li hrigt jiena li nfaqt*."(Fol.123)

Fis-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023, xehed il-konvenut, fejn qal illi l-ahwa kienu ftehmu illi l-vettura illi wirtu minghand missierhom kellha tinbiegh. Ghal dan l-iskop, il-konvenut kien ha l-vettura minghand l-attur Albert Pullicino. Il-konvenut ighid illi l-ftehim bejn l-ahwa kien illi mill-flus tal-karozza kellhom jintefqu flus sabiex tigi rrangata dar ta' missierom biex tkun tista tinkera. Minkejja dan il-ftehim, din id-dar qatt ma inkriet. Il-konvenut ighid illi hu u ohtu Mary Ascione kienu ghamlu xi xogholijiet f'din id-dar u sahansitra inxtrat kamra tas-sodda billi kull parti harget sehemha.

Il-konvenut ighid illi l-vettura bieghha ghal Eur 3000 u minn dan l-ammont, "*nfaqna elf u hames mija nirrangaw maintenance, u kont ser intihomlom pero dan qatt ma gara xejn fhimt? Qatt ma gara xejn. Il-flus jien xorta ghandi three thousand sekwestrati l-BOV. . .*" (Fol.127) Il-konvenut jispjega illi ta Eur 1025 lil ohtu Mary Ascione bhala rimbors u ta' dan gietipprezentata ircevuta fejn Mary Ascione qed tikkonferma illi irceviet dan l-ammont. L-ammont ta' Eur 500 twarrbu ghal xoghol li ghamel il-konvenut fid-dar ta' missierom u l-bilanc ghadu fil-pussess tieghu.

Fir-rigward tal-qbil illi l-flus li se jidhlu mill-bejgh tal-vettura kellhom jintuzaw ghal miljoramenti tad-dar, il-konvenut ighid illi dan sar b'mod verbali. Jghid ukoll illi huwa ma kienx informa lil hutu li kien ser ibiegh il-vettura u ghal liema ammont, izda kien infurmahom biss wara li inbieghet ghal Eur 3000.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023, xehed Karl Pullicino, li jigi it-tifel tal-konvenut. Huwa jghid illi ha hsieb sabiex tinbiegh din il-vettura u li eventwalment biegh ghal Eur3000 f'kontanti. Ix-xhud ighid illi l-prezz mitlub kien ta' Eur 4,600.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza tittratta talba ta' l-atturi sabiex jiehdu sehemom minn bejgh ta' vettura illi kienet intirtet minnom u li kienet fuq isem il-konvenut sabiex ikun jista jiehu hsieb il-bejgh taghha. Izda minkejja illi din il-vettura inbieghet, l-atturi ghadom ma hadux is-sehem taghhom u qeghdin jitolbu dan mill-ammont u ghaldaqstant qeghdin jitolbu l-hlas ta' Eur 3000. Min-naha 'l ohra, l-konvenut, filwaqt illi ma jikkontestax il-fatt illi l-atturi ghadom ma hadux sehemhom, ighid illi l-vettura inbieghet ghal prezz globali ta' Eur 3000 u li ghaldaqstant sehem l-atturi qatt ma jista jkun dak mitlub kif ukoll illi minn dan l-ammont thallsu affarijiet kif miftiehem bejnietom.

Illi l-konvenut ressaq eccezzjoni fejn qed ighid illi dan il-kaz huwa intempestiv stante illi l-wirt li gej minn missier l-atturi u l-konvenut ghadu ma giex accettat. Ghaldaqstant, il-konvenut ighid illi galdarba ghadha ma saritx divizjoni, dan il-kaz ma jistax jintlaqa.

Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija fuq talbiet ta' flus. Dak li qed jintalab mill-atturi huwa hlas ta' sehemom minn vettura li hija provenjenti minn wirt illi inbieghet bl-awtorizazzjoni ta' kulhadd. Fil-fatt, dan it-Tribunal gie pprezentat lilu l-formoli ta' Transport Malta, fejn l-eredi taw il-kunsens taghhom sabiex il-vettura tinqaleb fuq il-konvenut bl-ghan li tkun tista tinbiegh. Eventwalment hekk sar u l-vettura inbieghet u t-talba quddiem dan it-Tribunal hija biss ghal dak is-sehem ta' l-atturi derivanti minn tali bejgh. Kemm-il darba kellha tregi t-tezi tal-konvenut, illi galdarba d-divizjoni ghadha ma saritx, il-vettura u dak kollu derivanti minnha, m'ghandom l-ebda dritt ghalih l-atturi, isegwi li l-istess ghandu jkun applikabbli ghal konvenut, li ma jkollu l-ebda dritt li jzomm flus derivanti minn wirt li ghadu mhux diviz. Ghaldaqstant, it-Tribunal ma jaqbilx ma' l-eccezzjoni imressqa mill-konvenut ghar-ragunijiet imemmija u tali eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, li l-integrita tal-gudizzju mhux integru ghaliex hemm wahda mill-ahwa u cioe Mary Ascione nieqsa, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi galdarba l-atturi qeghdin jitolbu s-sehem taghhom minghajr l-ebda pregudizzju lejn sehem il-konvenut u/jew werrieta ohra, galdarba stabbilit li hemm erbgha ahwa, din it-tieni eccezzjoni ma tistax tintlaqa.

Illi l-istess ser jinghad ghar-rigward tat-tielet eccezzjoni preliminari u cioe illi galdarba r-rikavat gej minn wirt allura kellhom jigu inkluzi l-konjigi tal-partijiet. Illi huwa pacifiku illi dak kollu derivanti minn wirt huwa esklussivament tal-parti li tirithom.

Illi fil-mertu, ma hemm l-ebda dubju bejn il-partijiet illi din il-vettura kienet tappartjeni lill-erbgha ahwa stante illi hija derivata mill-wirt ta' missierom. Lanqas huwa kontestat illi tali vettura kellha tinbiegh.

Il-pendenza tirriduci ruhha ghal zewg fatturi :- a) l-ammont li inbieghet il-vettura u b) il-hlasijiet li saru mir-rikavat tal-bejgh ghal bzonnijiet tad-dar ta' missierhom.

Fir-rigward tal-valur, dan it-Tribunal sema x-xhieda ta' Andrea Bonello illi qal illi l-vettura qabel inbieghet kienet assikurata ghal valur ta' Eur 5500 izda tali ammont ikun ikkalkulat fuq *guide book* li jaghti linji gwida ta' kemm tkun tiswa l-vettura a finijiet ta' assikurazzjoni. Min-naha l-ohra, il-konvenut jinsisti illi l-vettura inbieghet ghal Eur 3000 u ta' dan il-konvenut ipprezenta ircevuta iffirmata wkoll mill-bejjiegh tal-vettura u cioe Nazzareno Camilleri.

Il-konvenut fl-ebda hin ma nforma lill-atturi bil-valur li kien ser ibiegh din il-vettura izda infurmahom biss bl-ammont ta' Eur 3000 wara li l-bejgh kien issiggillat. Huwa minnu wkoll illi l-konvenut ma pprocudiex lill-bejjiegh tal-vettura sabiex jikkonferma l-prezz tal-bejgh jew l-ircevuta li allegatament giet iffirmata bejn l-istess bejjiegh u l-konvenut.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal ghandu quddiemu lill-atturi li qed jitolbu Eur 2750 li jirraprezenta nofs il-valur ta' Eur 5,500 (kif ridott matul it-tratazzjoni finali Fol.159) li jirraprezenta l-valur tal-vettura fiz-zmien tal-bejgh u min-naha 'l ohra l-konvenut f'termini ta' prezz qed ighid illi dan kien Eur 3000.

Dan it-Tribunal primarjament jirrimarka illi l-valur ta' Eur 5,500 huwa valur li jinghata bhal gwida u mhux necessarjament jirrifletti l-valur tal-vettura. Illi kien hemm trapass ta' zmien minn meta din il-vettura giet ivvalutata f'dan l-ammont (valur meta missier il-partijiet kien ghadu s-sid tal-vettura) u ghaldaqstant dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni wkoll.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt illi ma jistax jistrieh fuq tali rcevuta u fuq x-xhieda tal-konvenut, lanqas jista jikkonkludi illi l-atturi huma intitolati ghal valur moghti a finijiet ta' assikurazzjoni u cioe dak ta' Eur 5500. Ghaldaqstant, a bazi ta' *arbitrio boni viri* t-Tribunal jikkonkludi illi l-vettura fiz-zmien tal-bejgh taghha kellha valur ta' Eur 4500, li fl-ahhar mill-ahhar, mix-xhieda stess ta' iben il-konvenut, jirrizulta li kien il-valur mitlub mill-konvenut. (Fol.149).

Illi deciz dan, it-Tribunal ser jghaddi biex jevalwa jekk minn dan l-ammont ghandux jitnaqqas l-ammont ta' Eur 1500 li jirraprezentaw spejjez li saru fid-dar ta' missier il-partijiet. Huwa minnu, illi filwaqt li l-atturi jikkontestaw dan l-argument, il-konvenut pprezenta sett ta' ircevuti li jvarjaw minn tindif u xiri ta' washing machine.

Illi fil-fehma umli ta' dan it-Tribunal, l-iskrittura pprezentata ma hija xejn hlief ircevuta li oht il-konvenut iffirmat biex tikkonferma illi irceviet l-ammont ta' Eur 1025 (fol.134). Dan certament, mhux ftehim illi sar bejn kulhadd, kif jaghti x'jifhem il-konvenut, illi kulhadd qed jaqbel biex jinxtraw affarijiet mir-rikavat tal-vettura. It-Tribunal ma jistax jeskludi illi kien sar xi diskors sabiex tigi irrangata d-dar li ntirtet minghand missier il-partijiet, izda dan it-Tribunal ma ra l-ebda prova li twassal ghal konviciment illi l-partijiet ftehmu li tali spejjez kellom isiru mir-rikavat tal-bejgh tal-vettura.

Illi iktar min hekk l-ircevuti ipprezentati jhallu dubji kbar kemm dawn verament intuzaw ghad-dar li wirtu u li kellha tinkera stante illi l-washing machine ittiehdet f'indirizz differenti minn dik li kellha tinkera u l-ircevuti pprezentati (Fol. 136-137) ma jaghtu l-ebda dawl x'jirraprezentaw.

Illi tenut kont ta' dan kollu, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi galadarba l-vettura, wirt ta' l-erbgha ahwa, inbieghet, l-atturi ghandhom dritt ghal nofs sehemhom (nofs l-iehor jappartjeni lill-konvenut u lil Mary Ascione). It-Tribunal, mill-provi li ingiebu quddiemu, ma jarax illi ghandu jitnaqqas xi ammont mir-rikavat tal-bejgh tal-vettura galdarba ma kien hemm l-ebda ftehim u ma ngabet l-ebda prova li tikkomforta lil dan it-Tribunal, li tali ircevuti huma relatati mad-dar li kellha tinkera.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jemmen li l-atturi ghandhom jircievu s-sehem taghhom mir-rikavat ta' dan il-bejgh ta' vettura li kien jappartjeni lil erbgha eredi. Illi galadarba dan it-Tribunal stabilixxa l-ammont ta' erbat elef u hames mitt Ewro bhala l-valur tal-vettura mibjugha, is-sehem spettanti liz-zewg atturi jammonta ghal elfejn mitejn u hamsin Ewro (Eur 2250).

<u>Decide</u>

**Ghaldaqstant**, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' elfejn mitejn u hamsin Ewro (Eur 2250), filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont ta' Eur 2250, bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mid-29 t' Ottubru 2020 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur